

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Tqegħid Ta' Minuri F'pajjiż Ieħor Inkl. F'foster Family](#) Sweden

# Tqegħid ta' minuri f'pajjiż ieħor inkl. f'foster family



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

## 1 Liema awtorità għandha tiġi kkonsultata u biex jingħata kunsens minn qabel qabel it-tqegħid transfruntier ta' minuri fit-territorju tiegħek?

L-awtorizzazzjoni għat-tqegħid ta' minuri fl-lżvezja, skont ir-Regolament Brussell II, tiġi eżaminata mill-Bord tas-Sigurtà Soċjali tal-muniċipalitè fejn ikun se jitqiegħed il-minuri.

## 2 Jekk jogħġbok iddeskrivi fil-qosor il-proċedura għall-konsultazzjoni u l-kisba tal-kunsens (inklużi d-dokumenti meħtieġa, l-iskadenzi, il-modalitajiet tal-proċedura, u dettalji rilevanti oħra) għat-tqegħid transfruntier tat-tfal fit-territorju tiegħek.

Il-Bord tas-Sigurtà Soċjali jista' jagħti l-approvazzjoni lil awtorità f'pajjiż barrani biex minuri jitqiegħed fl-lżvezja biss jekk:

1. I-aħjar għall-minuri jkun li jitqiegħed fl-lżvezja, b'mod partikolari fid-dawl tar-rabtiet tal-minuri mal-lżvezja,
2. I-attitudni tal-minuri lejn it-tqegħid, sa fejn ikun possibbli li jitkejjel, tkun ġiet aċċertata,
3. it-tutur tal-minuri u, jekk il-minuri jkollu 15-il sena jew aktar, il-kunsens tal-minuri għat-tqegħid,
4. iċ-ċirkostanzi fid-dar individwali u l-kundizzjonijiet għall-indukrar fid-dar ikunu ġew investigati mill-Bord tas-Sigurtà Soċjali,
5. il-minuri jkollu permess ta' residenza, jekk ikun meħtieġ, u
6. it-tqegħid ikun bbażat fuq ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 tal-25 ta' Ġunju 2019 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (ir-Regolament Brussell II) jew il-Konvenzjoni ta' The Hague tad-19 ta' Ottubru 1996 fuq il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, Rikonoxximent, Infurzar u Kooperazzjoni dwar ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal.

L-informazzjoni dwar id-dokumenti meħtieġa f'każijiet individwali tingħata mill-muniċipalitè ikkonċernata. Jekk jogħġbok ikkuntattja lill-awtorità ċentrali fl-lżvezja għal aktar informazzjoni.

## 3 L-Istat Membru tiegħek iddeċieda li mhuwiex meħtieġ il-kunsens għal tqegħid transfruntier ta' tfal fit-territorju tiegħek fejn il-minuri għandu jitqiegħed ma' ċerti kategoriji ta' qraba stretti? Jekk iva, x'inhuma l-kategoriji ta' qraba stretti?

Le, dik ir-regola ma tapplikax.

## 4 L-Istat Membru tiegħek għandu fis-seħħ xi ftehimiet jew arranġamenti għas-simplifikazzjoni tal-proċedura ta' konsultazzjoni biex jinkiseb il-kunsens għat-tqegħid transfruntier tat-tfal?

Le.

---

■ L-aħħar aġġornament: 21/01/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.